A.L. 3 ta' l-1986

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI

(KAP. 15)

Regolamenti ta' l-1986 li jemendaw l-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 1003 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, id-Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, bi ftehim mad-Deputat Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi u tad-Dwana, għamel r-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1986 li jemendaw l-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda ma' l-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Iskeda A". Kap. 15

(2) Dawn r-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-20 ta' Jannar, 1986.

Jemenda t-Tariffa A ta' l-Iskeda A.

2. Minflok is-sub-paragrafi (i) u (ii) tal-paragrafu 7 tat-Tariffa A tal-Iskeda A għandu jidħol dan li ġej:

"(i) dwar l-ewwel Lm300 jew parti minnha	Lm14.00,0
(ii) dwar kull valur 'il fuq mill-ewwel Lm300 u sa Lm500, għal kull Lm100 ...	Lm 4.00,0".

Jissostitwixxi Tariffa D ta' l-Iskeda A.

3. Minflok it-Tariffa D ta' l-Iskeda A għandu jidħol dan li ġej:

"Tariffa D

Drittijiet li jitħallsu fir-Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta u l-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna fil-Kompetenza Tagħhom Inferjuri

	Lm c m
1. Għall-preżentata ta' kull ċitazzjoni jew avviż:	
(i) Meta l-ammont tat-talba ma jiskorrix Lm20	0.20,0
(ii) Meta l-ammont tat-talba jiskorri Lm20 imma ma jiskorrix Lm50	1.50,0
(iii) Meta l-ammont tat-talba jiskorri Lm50 imma ma jiskorrix Lm100	5.00,0
(iv) Meta l-ammont tat-talba jiskorri Lm100 imma ma jiskorrix Lm200	10.00,0
(v) Meta l-ammont tat-talba jiskorri Lm200	12.00,0

	Lm c m
2. Għal kull mandat ta' qbid, jew żgumbrament, jew sekwestru, jew kontro-mandat ...	0.50,0
3. Għall-esekuzzjoni ta' kull wieħed mill-mandati jew ta' kontro-mandati hawn fuq imsemmija	0.50,0
4. Għal kull ċedola jew rikors:	
(i) Meta l-ammont tat-talba ma jiskorrix Lm20	0.15,0
(ii) Meta l-ammont tat-talba jiskorri Lm20 imma ma jiskorrix Lm50 ...	0.35,0
(iii) Meta l-ammont tat-talba jiskorri Lm50	0.50,0
5. Għal kull nota ta' appell	0.35,0
6. Għal kull att ieħor miktub	0.50,0
7. Għal kull kopja, għal kull 100 kelma ...	0.10,0
8. Għal kull notifika	0.25,0
9. Għal kull taxxa	0.10,0
10. L-istess drittijiet stabbiliti fil-paragrafi ta' qabel dan ta' din it-Tariffa rispettivament għandhom jitħallsu fil-każijiet ta' appell.	
11. Għal legalizzazzjoni ta' nota ta' l-ipoteka li għandha tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku	0.25,0.".

Jemenda Tariffa E ta' l-Iskeda A.

4. It-Tariffa E ta' l-Iskeda A għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 20 tagħha minflok is-sub-paragrafi (i) u (ii) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(i) dwar l-ewwel Lm300 jew parti minnha	25.00,0
(ii) dwar kull valur 'il fuq mill-ewwel Lm300 u sa Lm500, għal kull Lm100 ...	5.00,0";

(b) Fil-paragrafu 50 tagħha, minflok is-sub-paragrafu (a) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(a) Għal kull deċiżjoni ta' kull punt ta' liġi jew ta' fatt li jkun hemm fis-sentenza:

	Lm c m
Meta l-ammont involut ma jkunx iżjed minn Lm10	4.00,0
Meta l-ammont involut ikun iżjed minn Lm10 iżda mhux iżjed minn Lm20	5.00,0
Meta l-ammont involut ikun iżjed minn Lm20 iżda mhux iżżjed minn Lm50 ...	6.00,0
Meta l-ammont involut ikun iżjed minn Lm50 iżda mhux iżjed minn Lm100	10.00,0
Meta l-ammont involut ikun iżjed minn Lm100 iżda mhux iżjed minn Lm150 ...	15.00,0
Meta l-ammont involut ikun iżjed minn minn Lm150 iżda mhux iżjed minn Lm200	20.00,0

	Lm c m
Meta l-ammont involut ikun iżjed minn Lm200	22.50,0".

5. Minflok il-paragrafu (2) tat-Tariffa I għandu jidħol dan li ġej: Jemenda Tariffa I ta' l-Iskeda A.

(2) Dritt għar-reġistrazzjoni li jitħallas darba waħda minn kull parti fil-kawża sew jekk il-parti tressaq xhieda jew le	1.00,0
Dritt għat-traskrizzjoni kull 100 kelma jew parti minnhom	0.15,0